# IT-TALB TAL-MISILMIN

Il-kelma "Mislem", tfisser: *Wieħed, li telaq ruħu għal kollox f'idejn Alla.* Għal hekk, it-talba tal-Misilmin, hija: stqarrija ta' għaqda u ta' twemmin sħiħ f'Alla; u ta' wegħda li dak li jkun irid jgħix bir-reqqa, ħajtu kollha, bħala Mislem li tas-sew jemmen. Dan it-twemmin, u din it-telqa għal kollox f'idejn Alla, jingħaqdu flimkien f'talb meqjus; talb, li jagħmluh il-koll flimkien, jew kull wieħed għal rasu (kull ħadd kif ikun jista'), imqassam f'ħames qasmiet ma'tul in-nhar; jiġifieri: fil-għodu bikri; f'nofs inhar; bejn nofs inhar u nżul ix-xemx; fil-għasar, u fil-għaxija (Qoran, Sura tal-Baqra, vers 238). Dan, it-talb, għal Misilmin, barra milli hu r e f g ħ a tal-ħsieb lejn Alla, huwa wkoll egħmil, ta' xeħta Xerqija, tal-ishma tal-ġisem, li aħna sa nsemmu hawnekk.

Meta nifthu l-Qoran, inisibu dan il-kliem fuq kif għandu jsir it-talb: "Ja lilkom li temmnu, meta tkunu sa ssellu, aħslu wiċċkom u raskom; u jdejkom sa minkbejkom, u riġlejkom sa għaksietkom" (Qoran, Sura tal-Mejda, vers 9). Billi l-Qoran huwa wiesa' wisq, u bla tifsir irqiq fuq x'wieħed għandu jagħmel, it-Teolgi Misilmin, li huma biss għandhom il-jedd li jfissru l-kliem tal-Ktieb Imqaddes, kitbu ktieb ieħor, bħala *ċerimonjal*, li fih jinsab imfisser kif dan il-ħasil għandu jsir sew, kif sa ngħidu hawn taħt.

Il-Mislem, qabel ma jinħasel, għandu jagħmel att ta' qima 'l Alla b'dan il-kliem li ġej: "Nifhem, li sa ninħasel biex nogħġob 'l Alla; u f'Isem Alla, li jagħder u jhenn". U quddiem l-ilma, li juri bħal mera, u li hu wisq għażiż fix-Xerq, għax ilma ma hemmx bosta, jgħid dan il-kliem: "Niżżi ħajr 'l Alla, talli ħalaqni fil-ġnien tad-Din Mislem, u talli tani dan l-ilma fejjiedi, li jnaddafni minn dnubieti". Imbagħad joqgħod qawqbijiet, jarfa' ftit ilma b'idu l-leminija, u jgħid dan il-kliem taħt leħnu: "Tifħir 'l Alla li jsaffi mid-dnub". Huwa u jaħsel wiċċu jgħid hekk: "Għamilt f'rasi u qtajt li ma nagħtix qima ħlief 'l Alla wieħed, kif jamar id-Din, li għal ħniena t'Alla, fih ninsab jiena". Imbagħad jaħsel idu l-leminija, mis-swaba' salminkeb, u jgħid: "Ja Alla, qiegħed il-ktieb ta' għemili f'din l-id, fil-jum il-Kbir, tal-Ħaqq minn tiegħek! U agħmel li f'dak il-jum, jidħol għalija n-Nebi quddiemek!" U hu u jaħsel idu x-xellugija, jgħid hekk: "Ja Alla, nitolbok li ma tqiegħedx il-Ktieb ta' għemili f'din l-id il-midinba!"

Dawn iż-żewġ talbiet għandhom x'jaqsmu mat-twemmin tal-Misilmin, li l-għemil kollu li l-bniedem jagħmel f'ħajtu, jinkiteb fi ktieb, li Alla, Imħallef fuq kull ħadd, wara li jaħtmu, jagħti lil kull wieħed fl-aħħar tad-dinja. Jekk dak li jkun ikollu aktar għemil tajjeb milli għemil ħażin, Alla jagħtih il-ktieb f'idu l-leminija; imma jekk ikollu aktar għemil ħażin milli għemil tajjeb, jagħtihulu f'idu x-xellugija. Bis-saħħa ta' dan il-ktieb, il-kuffâra (jiġifieri dawk li ma jemmnux), u dawk li jqimu Allat qarrieqa, u kull xorta ta' nies ħżiena, ijkunu mixħuta fil-maħraq tan-nar, fost uġiegħ bla qjies. Waqt li dawk li jemmnu, u n-nies it-tajba, jidħlu ferħana fil-ġnien tal-hena, fejn hemm widjien ta' ilma ġieri, siġar sbieħ mogħnija b'kull xorta ta' frott,

u għejjun ta' ilma safi ħiereġ minn ġewwa l-blat; u xebbiet ta' ġmiel tal-għaġeb b'għajnejhom suwed u bi mġiba li ssaħħar, li ma jixjieħu qatt. Dan ikun il-ħlas li Alla jagħti lil dawk li tas-sew jemmnu, ta' kemm ba-tew għalih u għad-Din tiegħu, f'din il-ħajja.

Il-ħasil tar-ras ma jsirx mill-Misilmin kollha xorta waħda. Hemm uħud li jaħslu rashom kollha, u huma u jaħsluha jgħidu: "Nitolbok Mulej-ja, li tilqagħni f'Saltnatek, f'dak il-jum tal-biża'." Oħrajn jaħslu biss ix-xagħar ta' fuq xbinhom; għax hi ħaġa li l-Misilmin kollha jemmnuha li minn dik it-troffa xagħar ta' quddiem, il-Profeta Muħammed għandu jtellagħhom is-sema. U lil dawk li jkunu fratas, itellagħhom mil-leħja.

Fil-bqija tal-ħasil, il-Misilmin kollha jaqblu. Il-Mislem, gaħndu jaħsel widnejh tliett darbiet, u hu u jaħsilhom, jgħid hekk: "Jingħata tifħir lill-Alla li jsaffi mid-dnub" Jaħsel ukoll imnifsejh u jiġbed tliett darbiet l-ilma fihom minn idu l-leminija, u jgħid: "Ja Alla, nitolbok li ġġigħelni nxomm il-fwieħa tal-fjuri tal-ġnien tiegħek!" Imbagħad jinża' x-xedd minn riġlejh u jaħsilhom sal-għekiesi. U hu u jaħsel riġlu tal-lemin, jgħid hekk: "Nitolbok, ja Alla, li ssaħħaħli dan ir-riġel, biex bih nimxi fit-triq tal-ħelsien". U waqt li jaħsel riġlu tax-xellug, jgħid dan il-kliem: "Nitolbok ja Mulej-ja, li tmexxili wkoll dan ir-riġel sew-wa, għal kemm hu riġel ħażin, fit-triq imqaddsa tiegħek". Kif jgħidu t-Teolgi Misilmin, dawn it-talbiet ma għandhomx jinagħdu bħala ħtieġa, u min iħallihom ma jagħmel ebda dnub. U hemm minnhom min jib-dilhom ma' xi talb ieħor, kif jogħ-ġob lilu.

Jekk wieħed Mislem isib ruħu fix-xôri fejn ma jkunx hemm ilma, għan-du jitlob l-ilma tliett darbiet, billi jgħajjat: "Ilma!... Ilma!... Il-ma!..." Jekk ma jwieġbu ħadd, u jibqa' bla ilma, jista' minn bdiel ilma jinħasel bir-ramel jew trab na-dif, bħalli kieku kien ilma. Malli jagħ-mel dan, il-Mislem, bla telf ta' żmien, jibda t-talba tiegħu mamûra jew *ikkmandata* mill-Qorân. Jekk waqt li jkun iselli jitniġġes b'xi ħaġa, bħalli kieku jgħaddi kelb minn qud-diemu, għal kemm dan jiġri bla ma hu jrid, dak li jkun għamel ma jkunx jiswa, u jkollu jibda kollox mill-ġdid.

Dan it-talb, imsieħeb minn dan il-ħasil, huwa amar, jew *kmandament* tajjeb, mogħti minn Muħammed lil dawk li jħarsu d-Din tiegħu, biex iżommu fis-saħħa ruħhom u ġisim-hom, billi l-indafa tal-ġisem u l-in-dafa tal-ħsebijiet huma ħaġa wisq meħtieġa biex in-nies jgħaddu 'l quddiem fit-timdîn jew *civiltà;* u billi wisq mill-Għarab fi żmien Muħam-med kienu jgħixu fix-xori ġemgħa-ġemgħa weħedhom, jagħmlu kull ma jidhrilhom; għal hekk huwa tahom dan l-amar, tal-ħasil u t-talb 'l Alla, il-koll bħal xulxin, biex iżommu ruħ-hom magħquda f'poplu wieħed bi drawwiet waħda. Il-lum fost il-Għa-rab hemm xewqa kbira li jiġġeddu u jitgħallmu, għal hekk issa f'kull belt u f'kull raħal fejn ma hemmx knisja tagħhom qegħdin jibnu waħda; kni-sja sabiħa b'mejdân jew *minaret* għoli u rqiq tiela' lejn is-sema bħala xbiha tat-talb ta' dawk li jemmnu. Minn fuqhom il-*loud speakers* isej-jħu lil Misilmin ħames darbiet kull jum għat-talb, li jserraħ il-qalb u jnaddaf il-moħħ. U jiġbed ir-ruħ lejn Dak li ħalaqha.

Patri BONAVENTURA QASSIS O.F.M.